MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 19/2004

**Pastaluovo Ltd**
**Vs**

**Lapsi Holdings Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm671.09 (sitt mija u wiehed u sebghin lira Maltin u disgha centezmi) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fl-24 ta' Jannar 2004 u naqas li jidher meta gew pprezentati l-kapitoli fit-23 ta' Frar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------